**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ERBGĦATAX**

**6 ta' LULJU, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

**SKUŻATI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri nfurmat li ma setgħatx tattendi minħabba raġuni familjari.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IĊ-Chairperson Pierre Farrugia  ppesieda  l-laqgħa.

**14.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

14.1.1 B'referenza għall-punt 13.4.1, fir-rigward ta' skip imkissra, mill-bring in site fejn iċ-ċimiterju, l-Kumitat ġie nfurmat li l-iskip tneħħiet bla ħlas.

14.1.2 Fir-rigward ta' punt 13.5.4, il-membru Kevin Sam Farrugia qal li flimkien maċ-Chairperson  iltaqgħu mar-residenti li kienu qed jilmentaw fuq il-parkeġġ fi Triq Santu Rokku, li b'konsegwenza tiegħu ma jistgħux idaħħlu u joħorġu l-vetturi mill-garaxx tagħhom. Waqt li kienu fuq il-post kien hemm qbil li minflok titneħħa l-bankina, jitneħħew il-parking bays.

Kien hemm qbil li l-każ jintbagħat għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Hekk kif ikun hemm il-permessi meħtieġa jsiru *double yellow lines* tul it-triq kollha faċċata tal-garaxxijiet.

14.1.1 Ġew approvati l-minuti tat-tlettax -il seduta ta' din  il-leġislatura.

*14.2* *Xogħol fi Triq Dun Gejt Muscat*

14.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li wara korrispondenza li saret bejnu u bejn il-Perit tal-Kunsill William Lewis, fejn il-perit baqa' jsostni li ġaladarba li hu ma kienx infurmat meta kien ser jinbeda x-xogħol, hu jista jiċċertifika biss ix-xogħol kif rah. Fil-fehma tal-Perit Lewis ix-xogħol fi Triq Dun Gejt Muscat għalkemm sar tajjeb u skond l-istandards, xorta waħda l-problema tal-ilma ma ġietx solvuta. Il-Perit issuġġerixxa li jinżamm il-pagament ta' dan ix-xogħol.

14.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li qabel ma saret l-ordni għax-xogħol, l-assistenta tal-Perit Lewis, flimkien mal-Kuntrattur kellhom laqgħa, fejn kien hemm preżenti ukoll iċ-Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv u sar ftehim kif għandu jsir ix-xogħol. Hu żied jgħid li mhux kompitu tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li javża lill-Perit meta kellu jibda x-xogħol, imma kien il-kompitu tal-kuntrattur li ħadem it-triq. Il-Kuntrattur dejjem kien iwiegħed li ser jibda t-Tnejn tal-ġimgħa li ġejja u wara ħafna ġimgħat beda u sar ix-xogħol. Il-ġurnata l-anqas l-Kumitat ma kien jafha qabel ma ra ix-xogħol isir.

14.2.3 Il-membru Joseph D'Amato qal li ma jaqbilx ma ċertu emails li ġew ċirkulati fejn ingħad li t-triq ġiet agħar milli kienet qabel ma saritilha l-manutenzjoni tagħha. Hu żied jgħid li hawn ħafna toroq li jinsabu f'sitwazzjoni agħar minn din, għalkemm saru ġodda, fosthom Vjal l-Indipendenza fejn l-AZ stationery, Vjal l-Indipendenza fejn Triq San Martin, Triq G M Callus u oħrajn.

Kien hemm qbil li:

- jintalab il-kont tal-manutenzjoni
- l-Kumitat jimxi fuq il-parir tal-Perit li jinzamm il-pagament, qabel ma tissolva s-sitwazzjoni.
- issir laqgħa fuq il-post fejn tiġi diskussa l-problema.

***14.3*** ***Shelter f'Misraħ Santa Marija f'Bubaqra***

14.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-membri li fir-rigward tax-xelter f'Misrah Santa Marija, qed ikun hemm korrispondenza bejn entitajiet –WSC, PW, Kunsill Lokali u s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM.

14.3.2 Kien hemm qbil li tintbagħat reminder biex il-każ jiġi solvut fl-immedjat.

**14.3** ***Ilmenti***

14.3.1 Kien hemm qbil unanimu li jintbagħtu żewġ *default notices* lill-Wastecollection Ltd minħabba dan li ġej:

1. Għalkemm fil-kuntratt hemm li s-*seasonal flowers* jitħawwlu f'Ġunju, dan ma sarx. It-tħawwil ta' seasonal flowers sar f'Mejju u ta' dan il-Kumitat ġie mitlub iħallas.
2. Ix-xogħol fejn jidħol tindif, ħriet u tisqija mhux aċċettabli. Il-pjanti f'Misraħ Santa Marija qatt ma issaqqew u tindif tal-ġonna u *soft areas saru* l-ewwel darba wara telefonata li saret mill-istess Chairperson fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju u t-tieni tindif/ħriet sar illum, wara li l-ħaxix kien tela aktar minn pied ogħli kif jixhdu ritratti meħuda l-ġimgħa l-orħra.

14.3.2 Il-membru Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li jsiru *double yellow line*s fi Triq Vinces Caruana fil-parti fejn hemm il-garaxxijiet (bejn Triq V Caruana u Triq San Martin). Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

14.3.3 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa dan li ġej:

- Tiżabar is-siġra fi Triq Sant Agatha u tissaqqa.
- Isir tindif tal-konka tagħa mill-ħaxix ħażin
- Jinbidlu l-pjanti tal-pots li hemm f'Misraħ Santa Marija
- Isir patching fi Triq Bubaqra tal-kanali li saru mill-WSC u li issa jinsabu kollha mniżla.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol kollu msemmi.

***14.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

14.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-7.00pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 10ta' Awwissu, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' Awwissu, 2015

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |